Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-3 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 1128/2007

Grazia *sive* Mary Grace **BUĠEJA** *nee'* Decelis u Clayton-Charles Buġeja

vs

**ID-DIRETTUR TAR-REĠISTRU PUBBLIKU** u Carmel Buġeja, għal kull interess li jista' jkollu

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-30 ta' Ottubru, 2007, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-atturi talbu li din il-Qorti tordna li l-imħarrek Direttur tar-Reġistru Pubbliku (a) jagħmel l-annotazzjonijiet opportuni fl-Att taż-Żwieġ numru 1968/1978 fis-sens li jintwera li l-attriċi għażlet li terġa' tibda tuża kunjom xbubitha "Decelis" flimkien u wara l-kunjom "Buġeja"; (b) jagħmel l-annotazzjonijiet opportuni fl-Att tat-Twelid numru 5503/1983 tal-attur Clayton-Charles Buġeja, fis-sens li omm l-istess attur, jiġifieri l-attriċi Mary Grace Buġeja, għażlet li terġa' tuża kunjom

xbubitha “Decelis” flimkien u wara l-kunjom “Buġeja”; u (ċ) jagħmel l-annotazzjonijiet opportuni fl-Att tat-Twelid numru 5503/1983, fis-sens li l-attur Clayton-Charles Buġeja se’ jibda juża kunjom xbubit ommu jiġifieri “Decelis” flimkien u wara l-kunjom “Buġeja”;

Rat l-avviż ippubblikat għall-finijiet tal-artikolu 254 tal-Kodiċi Ċivili fil-ħarġa tal-Gażżetta tal-Gvern tas-6 ta’ Novembru, 2007[1];

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku fil-5 ta’ Diċembru, 2007, li biha laqa’ għall-azzjoni attriċi billi qal li l-Avukat Ġenerali ma kienx ġie notifikat bl-atti tal-kawża. il-mertu, żied jgħid li għalkemm bil-liġi, b’seħħ mill-1993, mara miżżewġa tista’ tagħżel li żżid kunjom xbubitha flimkien ma’ dak ta’ żewġha, ma jingħatalhiex il-jedd li titlob li ssir xi annotazzjoni fl-Att taż-Żwieġ. L-istess jingħad għall-ulied li jagħżlu li jżidu kunjom xbubit ommhom ma’ dak ta’ missierhom. uwa għalhekk joġġezzjona li jsiru l-annotazzjonijiet mitluba fiż-żewġ att ta’ stat ċivili mertu tal-kawża. F’kull każ, huwa jżid jgħid li dak li qiegħed jintalab mil-atturi ma seħħx minħabba xi żball tal-eċċipjenti, u allura m’għandux ibati l-ispejjeż;

Rat li l-imħarrek Carmelo Buġeja, minkejja n-notifika tal-atti tal-kawża, ma ressaq l-ebda Tweġiba Maħlufa u lanqas deher għall-kawża kull meta ssejħet, u għalhekk waqa’ kontumaċi;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukat tal-intimat waqt is-smigħ tas-6 ta’ Diċembru, 2007, li biha irtira l-ewwel eċċezzjoni tiegħu;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tas-6 ta’ Marzu, 2008, fis-sens li ma kellhomx iżjed provi xi jressqu;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

[1] Paġ. 16 tal-proċess

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tas-6 ta' Marzu, 2008, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza, bil-fakulta' li l-partijiet iressqu Noti ta' Riferenza dwar il-każ;

Rat in-Nota ta' Riferenzi mressqa mill-atturi fit-18 ta' Marzu, 2008[2];

Rat in-Nota ta' Riferenza mressqa mil-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku fit-28 ta' Marzu, 2008[3];

***Ikkunsisdrat:***

Illi din hija azzjoni biex mara miżżewġa ġġib kunjom xbubitha wara dak li ħadet maż-żwieġ tagħha, u biex binha jġib ukoll kunjom xbubit ommu wara kunjom missieru. L-attriċi hija omm l-attur l-ieħor u mart l-imħarrek Carmelo Buġeja. Trid li kemm fl-Att taż-Żwieġ tagħha mal-imħarrek u kif ukoll fl-Att tat-Twelid ta' binha l-attur Clayton-Charles, issir annotazzjoni li turi kunjom xbubitha wara dak li ħadet meta żżewġet lill-imħsemmi mħarrek;

Illi l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku jilqa' għal dawn it-talbiet għaliex jgħid li ma hemm l-ebda jedd għal parti li titlob li ssir annotazzjoni flatt ta' stat ċivili għar-raġunijiet imsemmija mill-atturi f'din il-kawża, għalkemm il-liġi tagħti kemm lil mara miżżewġa u kif ukoll lill-ulied fiż-żwieġ li jagħżlu li jżidu l-kunjom ma' dak tar-raġel jew missier;

Illi l-<u>fatti tal-kawża</u> ma fihom l-ebda komplessita' partikolari, u l-partijiet saħansitra iddikjaraw li l-qofol tal-kwestjoni hija waħda ta' xejra legali iżjed minn fattwali. L-attriċi twieldet fl-10 ta' Diċembru tal-1957[4] minn Joseph Decelis u Clementina mwielda Borġ Pisani. Hija żżewġet lill-imħarrek Carmelo Buġeja fit-30 ta' Settembru tal-1978[5]. Minn dan iż-żwieġ kellhom tifel, l-attur Clayton-Charles fil-21 ta' Ottubru tal-1983[6];

---

[2] Paġġ. 26 sa 69 tal-proċess
[3] Paġ. 70 tal-proċess
[4] Dok "A", f'paġ. 5 tal-proċess
[5] Dokti "B" u "A", f'paġġ. 7 u 21 tal-proċess
[6] Dok "Ċ", f'paġ. 9 tal-proċess

Illi l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali li jirrigwardaw dan il-każ iduru fuq il-kwestjoni dwar jekk tistax tintalab li ssir annotazzjoni f'att ta' stat ċivili fejn ma jkun sar l-ebda żball jew fejn ma jkunx meħtieġ l-ebda bdil minħabba xi żball jew nuqqas. Dan kollu jidħol fil-qafas tal-jedd mogħti mil-liġi kemm lil mara miżżewġa u kemm ukoll lil ulied imnissla matul żwieġ bħal dak dwar il-kunjom li jistgħu jagħżlu;

Illi fil-każ tal-lum, l-atturi ma talbux it-tiswija minħabba żball tal-atti ta' stat ċivili tagħhom, imma t-tqegħid ta' annotazzjonijiet biex jirriflettu sitwazzjoni mogħtija lilhom mil-liġi u li, fl-istess atti ta' stat ċivili ma jidhrux. Huwa magħruf u aċċettat mill-Qrati tagħna li hemm differenza bejn talba għal tiswija ta' att ta' stat ċivili minħabba żball jew ċirkostanza oħra serja, u t-tqegħid ta' annotazzjoni fl-istess att, għal raġuni li ma tkun tabilfors il-frott ta' żball[7]. Huwa daqstant ieħor aċċettat li annotazzjoni bħal din għandha ssir meta mhux biss tkun ta' fejda lill-persuna li titlobha, imma meta tgħin saħansitra lil terzi persuni biex ikollhom iżjed tagħrif dwar il-persuna li tkun;

Illi fiż-żmien meta l-attriċi żżewġet lill-imħarrek Carmelo Buġeja (missier l-attur l-ieħor) ma kienx hemm għażla oħra għal mara ħlief li tieħu kunjom żewġha. L-għażla li mara żżomm kunjom xbubitha ngħatat fl-1993[8], u kienet saret tgħodd ukoll għal dawk in-nisa li kienu żżewġu qabel l-1 ta' Diċembru tal-1993[9]. Kien ingħata jedd lil kull mara li riedet li żżomm kunjom xbubitha (jew kunjom żewġha li jkun miet qabilha) biex sal-aħħar ta' Mejju, 1994, tressaq Nota fuq Formola magħmula apposta fejn turi x-xewqa tagħha li terġa' lura għal kunjom xbubitha jew għal kunjom l-ewwel raġel tagħha li jkun miet qabilha. L-istess ħaġa tingħad dwar it-twelid tal-attur Clayton-Charles, li ħa kunjom missieru. Fi żmien twelidu, l-ulied taż-żwieġ kienu jieħdu kunjom missierhom. Fl-1993 ukoll ingħata l-jedd lil ulied fi żwieġ li, flimkien ma' kunjom missierhom, jagħżlu li jżidu kunjom xbubit ommhom;

---

[7] App. Ċiv. **2.3.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Żammit magħruf bħala Żammit Paċe vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.ii.79**)
[8] Art. 4(1) tal-Kap 16
[9] Art. 89(3) tal-Att XXI tal-1993

Illi minkejja l-bdil li seħħ fl-1993, ma kienx hemm metodu formali kif l-għażliet li tagħmel il-mara miżżewġa (meta trid iżżid kunjom xbubitha ma' dak ta' żewġha) u l-ulied fiż-żwieġ ikunu jidhru fl-Atti ta' Stat Ċivili rispettivi tagħhom. Fil-każ ta' mara li tagħżel li żżid kunjom xbubitha flimkien ma' dak ta' żewġha, jidher li l-qagħda għadha hekk sal-lum, għaliex il-Formola Q li tinsab fit-Tieni Skeda tal-Kodiċi ma tirreferix għall-għażla li mara żżid kunjom xbubitha ma' dak ta' żewġha, imma biss l-għażla tagħha li jew li żżomm kunjom xbubitha jew li żżomm kunjom l-ewwel raġel tagħha li jkun miet. Bis-saħħa tal-bidliet li saru fil-Kodiċi bl-Att XVIII tal-2004, jidher li l-leġislatur ħa ħsieb biex b'xi mod jirregola l-qagħda dwar il-kunjom tal-ulied. Kemm hu hekk, l-artikolu 292A tal-Kodiċi jorbot lil kull min jagħti avviż ta' twelid li jagħti wkoll dikjarazzjoni magħmula mill-ġenituri tat-tarbija li biha jgħidu x'inhu l-kunjom li t-tarbija sejra tuża. It-tagħrif f'dikjarazzjoni bħal dik jitniżżel fl-Att tat-Twelid tat-tarbija taħt l-intestatura "*Isem jew ismijiet li bih it-tarbija għandha tiġi msejħa*". Jekk ma ssirx dikjarazzjoni bħal dik, jitqies li t-tarbija se' tuża biss kunjom missierha (jekk imnissla fiż-żwieġ) jew kunjom xbubit ommha (jekk imnissla barra miż-żwieġ);

Illi minn dawn il-kostatazzjonijiet, jidher li, filwaqt li ż-żewġ atturi għandhom jedd mogħti lilhom mil-liġi dwar it-talbiet magħmulin minnhom, dan il-jedd mhux rifless fl-atti ta' stat ċivili rispettivi tagħhom. Id-Direttur imħarrek jgħid li l-liġi ma tagħtix il-jedd ta' annotazzjoni bħal din. L-għaref avukat tiegħu, fis-sottomissjonijiet tal-għeluq tagħha quddiem il-Qorti, issottomettiet li kulma għandhom jagħmlu l-atturi hu li jagħmlu dikjarazzjoni quddiem l-awtoritajiet kompetenti fis-sens indikat fit-talbiet attriċi u dawn l-awtoritajiet joħorġulhom id-dokument uffiċjali (jiġifieri l-Karta tal-Identita') bit-tagħrif mibdul. Din il-Qorti ma tistax tilqa' sottomissjoni bħal din. Ma jidhirx li ċirkostanza hekk serja fl-istat ċivili ta' persuna tista' tiżżewwaq b'daqshekk ħeffa mill-persuna li tkun, imma ma tistax tintlaqa' minn Qorti (jew Tribunal ieħor xieraq) li tintalab li tagħraf dawk iċ-ċirkostanzi u **tagħti effett għal jedd mogħti mil-liġi;**

Illi fil-każ tal-attriċi, wieħed irid jagħraf ukoll bejn il-jedd li mara li sejra tiżżewweġ għandha li **żżid** kunjom xbubitha flimkien ma' dak ta' żewġha[10] u l-jedd tagħha li **żżomm** kunjom xbubitha malli tiżżewweġ[11]. Minn qari b'reqqa tal-artikolu 89(3) tal-Att XXI tal-1993, u tal-artikolu 4(5) tal-Kodiċi, jidher li, għalkemm il-liġi tirreferi għall-jedd taħt l-artikolu 4(1), hija fil-fatt maħsuba biex tieħu ħsieb il-jedd mogħti lil mara taħt l-artikolu 4(2). F'kull każ, l-attriċi ma nqdietx bil-fakulta' li terġa' lura għal kunjom xbubitha, għaliex qatt ma kellha ħsieb li twarrab kunjom żewġha. Hija trid biss li żżid kunjom xbubitha ma' tiegħu. Jiġifieri hija trid tinqeda bil-jedd taħt l-artikolu 4(1) u mhux il-jedd taħt l-artikolu 4(2) tal-Kodiċi. Naturalment, dan iħalli effett ukoll fuq kunjom l-attur l-ieħor, binha;

Illi fil-każ tal-attur Clayton-Charles Buġeja, il-fatt li huwa twieled qabel l-2004 iġibu f'qagħda li l-jedd li ngħatalu bil-liġi fl-1993 ma seta' qatt ikun muri wkoll fl-Att tat-Twelid tiegħu. Ladarba l-liġi ma qalitx li jedd bħal dak kellu jibda jgħodd biss għal tfal li twieldu wara l-1993, ma jistax ikun li l-attur jiċċaħħad minn dak il-jedd;

Illi l-Qorti ssib li ladarba l-jedd ta' kull wieħed mill-atturi huwa mogħti espressament mil-liġi, u ladarba dak il-jedd m'huwiex imsarraf b'mod li jidher fl-atti ta' stat ċivili tagħhom, tkun ħaġa xierqa li dak il-jedd ikun b'xi mod tanġibbli magħruf u rifless b'mod uffiċjali. Il-Qorti ssib ukoll li ċ-ċirkostanza li taħtha saru t-talbiet attriċi hija waħda serja biżżejjed għall-finijiet tal-liġi u mhix talba fiergħa jew waħda li tista' tqarraq bl-interessi jew jeddijiet ta' terzi. Il-Qorti tqis ukoll li, minkejja l-avviż pubblikat fil-Gażżetta fi żmien xieraq qabel is-smigħ tal-kawża għal-finijiet tal-artikolu 254 tal-kodiċi, l-ebda persuna ma ressqet xi oġġezzjoni tajba biex it-talbiet ma jintlaqgħux;

Illi, għalhekk, il-Qorti sejra tilqa' t-talbiet attriċi għaliex huma mistħoqqa;

Illi min-naħa l-oħra, sewwa jgħid l-imħarrek Direttur tar-Reġistru Pubbliku dwar in-nuqqas ta' ħtija tiegħu għal dak

[10] Skond l-artikolu 4(1) tal-Kap 16
[11] Art. 4(2) tal-Kap 16

mitlub mill-atturi. Huwa sewwasew għaliex ma hemm l-ebda ħtija min-naħa tar-Reġistru Pubbliku li l-azzjoni mressqa ma ssejsitx fuq l-iżball, imma fuq l-annotazzjoni maħsuba biex tirrifletti stat korrett ta' fatt. Huwa wkoll minħabba fil-korrettezza tal-atti miżmuma mir-Reġistru Pubbliku li t-talbiet attriċi jirriżultaw mistħoqqa. F'dan il-każ, l-imħarrek m'għandux ibati l-ispejjeż ta' dak li jridu l-atturi. Madankollu, l-Qorti tħoss li r-Reġistru għandu jqis jekk ikunx għaqli li jsir xi bdil ieħor fit-tfassila tal-Att ta' Stat Ċivili li jkun jieħu qies ta' (u, aktar importanti, juri) talbiet bħal dawk magħmula mill-attriċi;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel, it-tieni u t-tielet talbiet attriċi** u tordna lill-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jagħmel l-annotazzjonjiet meħtieġa fl-Att taż-Żwieġ numru 1968/1978 u fl-Att tat-Twelid numru 5503/1983 kif mitluba mill-atturi u dan wara li jitħarsu d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 256 tal-Kodiċi Ċivili;

**Tilqa' s-seba' eċċezzjoni** tal-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku; u

**Tordna** li, fiċ-ċirkostanzi, l-atturi jħallsu **l-ispejjeż tal-kawża.**

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------